MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26/2021

It-Tlieta, 19 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel il-laqgħa b'mezz virtwali skond Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali fil-5.20 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

**26.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Is-Sur Daniel Cordina ma kienx preżenti għal-laqgħa.

**26.2** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 25/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

26.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

26.2.3 Il-Viċi Sindku, Dr Marlene Cini talbet għal xi korrezzjonijiet u l-membri qablu li l-minuti jiġu amendati kif ġej.

Nru 25.3.7 '*.....intqal li qed jingħataw id-donazzjonijiet ...*' tiżdied din – għad li l-Kunsill ma jagħtix donazzjonijiet iżda jidħol b'kollaborazzjoni ma l-Ghaqdiet.

Nru 25.3.12 '*...Dr Marlene Cini fakkret lil membri li l-manutenzjoni tat-toroq hija kompitu tal-Kunsill.*' Tiżdied din – u għalhekk tenniet li hemm bżonn Perit biex jiċċertifika kemm hu l-persentaġġ tat-triq kemm hi mkissra.

**26.3** Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba informa lil Kunsilliera illi hu kien kwarantina minħabba xi mard fil-familja u ma marx il-Kunsill. Malli sar jaf informa dritt lis-Seg. Eżekuttiv f'dan ir-rigward. Kompla jgħid illi wara li intalab il-parir tad-Dipartiment tas-Saħħa u d-Direttur tal-Gvern Lokali l-Kunsill għalaq sakemm l-ħaddiema tal-Kunsill għamlu t-testijiet u rriżultaw kollha fin-negattiv. Is-Sindku rringrazzja lil sħabu l-Kunsilliera li ċemplulu meta kien għaddej minn żmien diffiċċli u wrew solidarjeta miegħu. Kompla jgħid li

ħassu mweġġa u ddispjaċut li ntqalu affarijiet fuqu u fuq martu, intbgħatulu ukoll messaġġi u sa anke rċieva ittra anonima fejn ġie insolentat. Iċċara li hu qiegħed fil-Kunsill sabiex iservi u m'għandux ikun mira ta' messaġġi insolenti kontrih u kontra l-familja tiegħu.

26.3.2 Is-Sindku informa lil membri illi l-Asst. Prinċipal tal-Kunsill marret taħdem f'Segretarjat u nhar il-Gimgħa, 15 ta' Jannar 2021 kienet l-aħħar li ħadmet fl-Uffiċċju ta' Marsalforn. Kompla jgħid illi l-Kunsill ħareġ *call* interna fost il-Kunsilli Lokali u Reġjuni għal Executive Officer fuq Skala 13 u li ser tagħlaq fis-26 ta' Jannar 2021. Żied jgħid ukoll illi sakemm jiġi inġaġġat uffiċċjal, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bgħat ħaddiem minn tiegħu sabiex l-uffiċċju jkun jista' jinfetaħ darbtejn fil-ġimgħa.

26.3.3 Is-Sindku irringrazzja lil Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri li ser jinbeda' x-xogħol ta' asfaltar ġdid ta' parti minn Triq Santa Marija ta' quddiem il-Qbajjar Promenade.

26.3.4 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandu bżonn jitranġa malajr kemm jista' jkun is-*safety tiles* tal-bandli tal-Qbajjar Promenade. Qablu li jitranġa dak li hemm li jista' jitranga u jinbidlu ftit minnhom sabiex l-ispiża ma titlax ħafna. Il-Viċi Sindku staqsiet kemm hemm bzonn jinbidlu u s-Sindku rrisponda li hemm madwar 30 safety tile. Is-Sindku qal li impossibli li l-Kunsill jibdlu kollu għax l-ispiża titla' l-fuq minn €22,000 u qal li bħalissa l-bandli jinstabu magħluqa minħabba l-perikolu. Informa lil membri li illum ħarġet skema Cirkulari Numru SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Ghawdex fejn il-Kunsill ikun jista' japplika biex igawdi minn din l-iskema. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill għandux bżonn l-approvazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex biex isir xogħol f'dan il-*playing field* u nistgħux bħala Kunsill ingawdu minn din l-iskema. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill kien għadda xi flus lil Ministeru għal Għawdex biex isir il-*railing* il-ġdid li kien sar fil-promenade. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

26.3.5 Rigward il-ftuħ ta' l-uffiċċju tal-Kunsill is-Sibtijiet. Is-Sindku qal li s-Seg. Eżekuttiv ġibditlu l-attenzjoni illi s-Sibtijiet għandhom

bżonn jitqassmu bejn l-Uffiċċjal Eżekuttiv u l-Asst. Prinċipal u dan sabiex kull waħda tkun tista tieħu l-leave bla problemi. Is-Sindku propona u l-membri qablu li dawn iż-żewġ impjegati għandhom jidħlu Sibt kull wieħed.

26.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil membri li peress li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet is-Sna. M. Cutajar hemm bżonn li jinħatar xi ħadd minnflokha. Is-Sindku propona li għandu jinħatar is-Sur O. Farrugia. Il-membri qablu.

26.3.7 Is-Sindku qal li ċċekja rigward l-ilma ħiereġ minn Triq ta' Ċenċ fi Triq iż-Żebbug. Propona li l-Kunsill jitlob il-permess tat-*trenching* sabiex isiru t-toqob mill-Kuntrattur P&J Debono biex l-ilma jiskula ġo fihom. Kompla jgħid li t-Triq taż-Żebbuġ hija imsaqqfa u xi xibka qed tispara. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lil Ministeru għal Għawdex biex jitqabbdu l-Periti tiegħu sabiex titieħed deċiżjoni x'hemm bżonn isir.

26.3.8 Is-Sindku informa lil membri li intalbet biex issir bankina ġdida fil-bidu ta' Triq Ta' Ċenċ peress li qed jintlaqat il-ħajt ta' l-għalqa bil-karozzi u trakkijiet. Il-membri qablu li għandu jintalab il-parir ta' Transport Malta.

## 26.4 *Performance Bonus* tas-Segretarji Eżekuttiv

Is-Sindku propona u l-membri qablu li kemm is-Seg. Eżekuttiv preċedenti u s-Seg. Eżekuttiv preżenti għandhom jieħdu l-massimu jiġifieri bl-10%.

## 26.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

26.5.1 Qalet li tingħaqad mas-Sindku, billi tirringrazzja lil Ministru għal Għawdex li ser jingħata t-tarmac ġdid fi Triq Santa Marija f'Marsalforn. Kompliet tgħid li l-Kunsill ilu jitlob sabiex din it-triq tingħata kisja tarmac mis-sena 2008 minn żmien gvern preċedenti.

26.5.2 Talbet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex issir rampa għal ġo l-egħlieqi fi Triq l-Imgħallem. Il-membri qablu li għandha ssir din it-talba.

26.5.3 Proponiet u l-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex jingħata permess biex Triq il-Wied tiġi magħluqa għat-traffiku *except farmers* fil-Ħdud u Festi Pubbliċi bejn nofsinhar u s-6.00 ta' fil-għaxija peress li qed ikun hemm ħafna nies jimxu matul din il-pandemija. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa talab lil Transport Malta iżda ma kienx ingħata approvazzjoni. Is-Sindku żied jgħid ukoll li xi nies ġibdulu l-attenzjoni li l-papri li hemm fl-istess wied qed ikunu bil-ġuħ. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-Animal Welfare.

26.5.4 Talbet sabiex issir bankina ġdida quddiem il-Plajja Restaurant.

26.5.5 Staqsiet f'hiex waslu l-gradi tal-*water culverts* fi Triq ta' Barda. Is-Sindku informha li l-gradi jinstabu għand il-kuntrattur u ser jitlestew dalwaqt.

26.5.6 Staqsiet ukoll għal *update* tal-*crash barriers* li proponiet li jsiru fi Triq iż-Żebbuġ/Triq l-Imgħallem. Is-Sindku informha li wara korrispondenza bejn l-Kunsill u Transport Malta hu iltaqa' mal-Perita ta' Transport Malta u ġie miftiehem sabiex il-Kunsill iħejji *traffic managment* f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li ser jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward u ser jiġu mitkelma ukoll mal-Perit sabiex isir *traffic management* Triq Għajn Mhelhel.

26.5.7 Staqsiet x'ġara fuq l-asfaltar ta' parti minn Triq il-Ponta wara li ntbgħatet il-BOQ lil Ministeru għal Għawdex. Is-Seg. Eżekuttiv li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta f'dan ir-rigward.

26.5.8 Talbet għal *update* fuq il-Playing Field taż-Żebbuġ. Is-Sindku informa lil preżenti li iltaqa' mal-Perit u l-Kuntrattur fuq il-post u li l-Kunsill qed jistenna is-*sample* tal-kisi. Qal ukoll li qed jiġu preparati l-offerti għal bankijiet, *litter bins*, il-*green wall* u l-*landscaping.*

26.5.9 Talbet *update* rigward il-*Outdoor Gym Equipment* fil-Qbajjar Promenade. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi l-Kunsill għad ma kellux risposta f'dan ir-rigward.

26.5.10 Staqsiet meta ser jitkomplew il-bankini. Is-Sindku informa lil membri li x'ħin il-Kuntrattur jeħles mill-proġetti ikun jista' jibda' l-bankini.

26.5.11 Staqsiet rigward l-istallazzjoni tal-AEDs li kienu ingħataw lil Kunsill mir-Reġjun. Is-Sindku informha li ntbgħatet korrispondenza lis-Supt. tal-Pulizija għal permess tiegħu biex jitwaħħlu ma l-għasses.

26.5.12 Staqsiet fiex waslu l-kontijiet pendenti li għandhom jitħallsu. Il-membri qablu li għandha ssir komunikazzjoni ma' l-*accountant* tal-Kunsill rigward il-qadgħa finanzjarja sabiex ikun jista' jibda' jitħallas il-kont tal-*patching.*

26.5.13 Rigward SPI.SCI.9.2020 Insaħħu l-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk lokali. Talbet biex l-Kunsill jistqsi lir-Reġjun f'dan ir-rigward.

26.5.14 Staqsiet rigward id-*drafting* tal-Bye Law mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv għandha terġa tibgħat *reminder.*

26.5.15 Rigward Karnival 2021. Fuq proposta tal-Viċi Sindku l-membri qablu li mhux ser isiru attivitajiet u għalhekk għandu jsir avviż fuq il-*facebook page*. Qablu wkoll sabiex il-Kunsill joqgħod attent li ma jagħtix permessi għal attivitajiet lil tal-ħwienet.

26.5.16 Rigward SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Il-Viċi Sindku proponiet u l-membri qablu li jsiru iBins u Solar Compact Bins fil-Playing Field taz-Zebbuġ, fi Pjazza l-Assunta u fiċ-Ċentru ta' Marsalforn. Qablu wkoll li l-*bring in sites* tal-Promenade u tal-Qbajjar ikollhom l-istorage taħt l-art. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja mar-Reġjun f'dan ir-rigward.

Il-Kunsilliera Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

26.5.17 Talbet sabiex isir *traffic management* għal Triq ix-Xagħra u Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu li għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill.

26.5.18 Ġibdet l-attenzjoni rigward id-dawl mitfi fi Triq ir-Rabat. Is-Sindku informha li ċempel lil Enemalta rigward din il-problema peress li hi problema minn naħa ta' l-Enemalta.

26.5.19 Ingħaqdet mas-Sindku u l-Viċi Sindku fir-ringrazzjamenti tagħha għal asfaltar mill-ġdid ta' parti minn Triq Santa Marija. Talbet ukoll sabiex terġgħa tintbgħat talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi asfaltata ukoll Triq il-Qbajjar. Is-Sindku propona li għandu jsir il-patching neċessarju f'din it-triq. Il-Kunsillier Saliba ma qabilx li jsir ebda patching minn naħa tal-Kunsill peress li għax il-Kunsill ħa pożizzjoni li ma jagħmel ebda patching, Triq Santa Marija issa qed tiġi asfaltata mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Grech assigurawh li xorta l-Ministeru għal Għawdex kien ser jasfalta din it-triq kienet x'kienet il-pożizzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandu jsir il-patching neċessarju.

26.5.20 Rigward ilment minngħand persuni li avviċinawha minħabba li ħanut fi Triq ir-Rabat idum sa tard bil-lejl miftuħ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lil Awtoritajiet konċernati f'dan ir-rigward.

26.5.21 Talbet sabiex bankina fi Triq Santa Marija tiġi inkluża mal-lista' tal-bankini li jridu jsiru mill-Kunsill. Il-membri qablu

26.5.22 Infurmat lil membri li hemm tappiera imkissra fuq bankina u hija perikoluża. Is-Sindku żied jgħid ukoll li waqgħet fossa fi Triq Santa Marija u għandha bżonn titranġa. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru.

26.5.23 Reġgħet infurmat lil membri li ġiet avviċinata minn xi residenti f'Marsalforn sabiex isiru djar għal qtates. Il-Viċi Sindku proponiet li ssir talba biex isiru fil-parkeġġ ta' Marsalforn waqt li l-Kunsillier Saliba propona li jsiru fuq il-bankina fejn Ġnien il-Familja. Il-membri qablu li jiġi

proponut lid-Direttur ta' l-Eco Gozo sabiex isiru fil-Wied fejn ir-*railing* ta' l-injam imbasta mhux fil-privat.

Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

26.5.24 Talab għal *update* tal-*water culverts* li kienu ntalbu f'laqgħat preċedenti. Il-membri qablu li s-Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba għandhom jiltaqgħu mal-Perit f'dan ir-rigward.

26.5.25 Informa lil membri li residenti ġibdulu l-attenzjoni li qed ikun hemm perikolu fi Triq iż-Żebbuġ meta wieħed ikun nieżel minn niżla Ta' Ċenċ. Kompla jgħid li qed ikun hemm il-karozzi ipparkjati faċċata tat-triq. Propona u l-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines*.

26.5.26 Talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex jitella' l-ħajt ta' għalqa mill-Kunsill u l-kont jintbgħat lis-sid fi Triq Frank Debono peress li ntbgħatu diversi korrispondenza mill-Kunsill lil sid l-għalqa. Is-Sindku ma qabilx li jinbena dan il-ħajt minn naħa tal-Kunsill peress li l-Kunsill hekk ikun qed jagħmel xogħol fil-privat. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lil ERA b'dan. Qablu wkoll li l-Kunsill jistenna r-risposta ta' sid l-għalqa wara l-Kunsill bgħatlu risposta u wara jekk hemm bżonn jittieħed il-parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 26.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

26.6.1 Talba mill-Ministeru għal Għawdex għal free WIFI setup fil-Bajja tax-Xwejni fejn intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jieħdu *supply* tad-dawl kif ukoll iwaħħlu xi apparat fuq ir-raff tal-latrini pubbliċi. Il-membri qablu. Il-membri qablu wkoll fuq proposta tal-Kunsillier Baskal Saliba li kif ser ikun hemm WIFI l-Kunsill iwaħħal CCTV cameras.

26.6.2 Ittra mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2019. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ser ssir laqgħa virtwali mad-Direttur f'dan ir-rigward u infurmat ukoll lil membri li l-iżbilanċ din is-sena niżel għal madward €30,000.

26.6.3 Talba sabiex issir kaxxa riservata għal muturi fi Triq Barda fejn l-FSWS. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta.

26.6.4 Ittra minngħand residenta fi Triq id-Duluri, Marsalforn fejn infurmat lil Kunsill illi l-kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' li kienet talbet hi stess biex issir għal żewgħa issa ma baqgħalix bżonnha u għalhekk talbet biex titneħħa. Il-membri ma qablux li din għandha titneħħa peress li din il-kaxxa hi *communal.*

26.6.5 Tweġiba minn Transport Malta wara talba li saret mill-Kunsill biex jibda' jintbgħat uffiċċjal ta' Transport Malta waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Il-Kunsill ġie infurmat illi ma jiprovdix uffiċċjali għal talbiet bħal dawn. Il-membri nnotaw il-kontenut.

26.6.6 Cir AKL2021/002 – Polza tal-Assigrazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Din il-polza tkopri kemm il-flus kontanti kif ukoll iċ-ċekkijiet u tagħti protezzjoni fuq is-serq. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiġi kopert b'din il-polza.

26.6.7 Cir AKL2021/001 – Personal Accident Policy. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiġi kopert b'din il-polza.

26.6.8 Emejl minngħand residenta fejn tablet biex isimha ma jidhirx fuq il-minuti li hemm fil-*public domain* minħabba ksur fid-Data Protection. Is-Seg. Eżekuttiv tablet il-parir tad-Dipt. Għal Gvern Lokali fejn ġiet infurmata illi l-minuti ma jitneħħewx minn fuq il-*website* qabel ma jittieħed il-parir meħtieġ mill-uffiċċjal tad-Data Protection. Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir meħtieġ.

26.6.9 Emejl minngħand is-Surmast ta' l-Iskola Primarja fejn irringrazzjat lil Kunsill tas-sapport li sabiet biex l-iskola tikseb id-Dyslexia Friendly School Award.

26.6.10 Emejl mir-Reġjun t'Għawdex rigward parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja f'Settembru 2021. Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandu jsir avviż f'dan ir-rigward sabiex jekk ikun hemm xi parteċipanti li jixtiequ jesebixxu x-xogħol tagħhom ikunu jistgħu jitilgħu huma f'din l-esebizzjoni. Qal ukoll li hu tal-fehma li l-parteċipanti jitilgħu ħalli ma jkunx hemm kritika. Qablu wkoll li jsiru diskussjonijiet mar-Reġjun u

Kunsilli oħra f'dan ir-rigward minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-pandemija.

26.6.11 Notifika mill-PA rigward *enforcement notice* għal kostruzzjoni ta' *penthouse* flok *washroom* fi Triq Oniċi.

26.6.12 Emejl mill-OPM rigward *disabled parking* fi Triq Skapuċċini. Il-Viċi Sindku u s-Sur Baskal Saliba iddikjaraw konflitt ta' interess. Is-Sindku u s-Sna. Sandra Grech proponew li jintalab il-parir ta' Transport Malta. Il-membri qablu.

26.6.13 Rigward il-Kuntratt ta' ġbir ta' skart goff, s-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni rigward xi nuqqasijiet. Il-membri qablu li kemm il-Kunsill kif ukoll l-Kuntrattur għandhom jimxu mal-Kuntratt.

26.6.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ħaddiem tal-Kunsill qed jitlob ħlas ta' diesel u l-użu tat-trakk personali tiegħu. Is-Sindku qal li l-ħaddiem talab li jingħatalu €100 fil-ġimgħa. Is-Sur Baskal Saliba qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill joħroġ offerta għal xiri ta' track sabiex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-membri qablu f'dan ir-rigward u s-Sindku propona u l-membri qablu wkoll li għandha tinħareġ offerta oħra għal *handyman* mal-Kunsill. Qablu wkoll li l-*handyman* għandu jkollu t-trakk u l-għodda tiegħu.

26.6.15 Bye law Reġjonali preżentata mis-Sindku ta' San Lawrenz rigward il-livell ta' strobju fil-lokalita'. Il-membri qablu mal-prinċipju.

26.6.16 Emejl mingħand Lovin Malta rigward *feature* fuq iż-Żebbuġ li jixxandar fuq il-midja soċjali kollha. Il-ħlas mitlub għal dan il-*feature* hu ta' €1000. Il-membri ma qablux.

26.6.17 Estratt mill-Kuntratt ta' xiri ta' dar fi Triq il-Ponta rigward sqaq biswit id-dar li ssemma fil-laqgħa preċedenti dwar il-kwistjoni jekk dan l-isqaq hux pubbliku jew privat. Is-Sindku propona li ngħaddu din il-korrispondenza lil Avukat tal-Kunsill sabiex nieħdu l-parir tiegħu. Is-Sur Baskal Saliba sostna li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam f'din il-kwistjoni waqt li l-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill ser jispiċċa iħallas għal parir ta' l-Avukat flok jieħu parir dan li qed jilmenta mingħand l-Avukat tiegħu. Sostniet li dawn huma spejjes u ħin moħli għal Kunsill. Qablu li għandu jittieħed il-parir ta' l-Avukat

tal-Kunsill biex jiġi vverifikat jekk dan il-każ għandux jidħol fih il-Kunsill.

26.6.18 Ilment Nru 01/2021

Talba biex jitneħħa metru *double yellow line* minn Triq Santa Marija f'Marsalforn.
Il-membri qablu li jiġi mistoqsi ir-resident għal liema raġuni qed jitlob li jitneħħew.

26.6.19 Ilment Nru 02/2021

Talbet sabiex jinżebgħu l-arbli tad-dekorattiv quddiem ic-Chinese Restaruant.
Il-membri qablu li għandhom jintbgħatu il-ħaddiema tal-Kunsill.

26.6.20 Ilment Nru 03/2021

Talba biex issir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq ta' Barda.
Kien hemm qbil li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

26.6.21 Ilment Nru 04/2021

Talba sabiex tinbidel il-bankina mkissra ta' mal-Plajja Guest House.
Il-membri qablu li din għandha ssir u titniżżel mal-lista tal-bankini li jridu jsiru.

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

26.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2021 għall-perjodu bejn 15 ta' Diċembru 2020 u 15 ta' Jannar 2021 li tammonta għal €30,657.37 ġiet approvata.

26.8 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7.35 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 23 ta’ Frar 2021 fil-5.15 ta’ filgħaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmati: 26 Frar 2021